MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 252/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Jeff Zerafa**

**Illum, 18 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Ottubru, 2008 ghall-habta ta' 16.50 hrs, f'Mater Dei Hospital Grounds, is-Swatar :-

1. saq vettura numru DBY-431 (bus tar-rotta) minghajr ma kellu tag ta' identita' mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta;
2. saq l-imsemmija vettura numru DBY-431 (bus tar-rotta) minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija specifikata ghall-imsemmija vettura;

3. b’hekk saq l-imsemmija vettura numru DBY-431 (bus tar-rotta) meta ma kienx kopert bil-polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u Sec. 29 LN 191/2002, sabet lill-appellant hati fuq ammissjoni tieghu stess u kkundannatu multa ta’ €2400 u oltre dan ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta’ Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull imputazzjoni ta’ htija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi ghad li huwa koncess li l-appellant ta l-ammissjoni tieghu dan attwalment tal-kunsens tieghu minghajr ma kien qed jifhem dak li kien qed jigri minhabba li hu ghandu certi problemi psikologici u ghalhekk din il-Qorti trid tinjora l-istess ammissjoni fic-cirkostanzi;
Illi l-appellant m’ghandux idea ta’ kif wiehed isuq xarabank wisq anqas seta’ jkun hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu;
Illi essendo li l-appellant deher il-Qorti inassistit, kien finanzjarjament indigenti, w mid-dehra tieghu l-Qorti setghet tipprezumi li kellu certi problemi, din messa innominatlu Avukat ghall-Ghajnuna Legali w dan peress li kien jidher car li dan ma kien jaghraf jirregola ruhu;
Illi jekk il-Qorti tisma’ l-provi se jirrizultalha b’mod skjaccanti li l-appellant ma kien hati ta’ l-akkuzi dedotti.

Ikkunsidrat :

L-ilment tal-appellant huwa principalment ibbazat fuq nuqqas ta’ osservanza procedurali da parti tal-Ewwel

Qorti, meta l-appellant ta l-ammissjoni tieghu quddiemha, fis-sens illi l-proceduri skond l-artikolu 453 tal-Kap. 9 ma gewx osservati.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-process specjalment il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2009, fejn hemmhekk l-appellant ammetta l-akkuzi kontra tieghu.

F'dan il-verbal hemm imsemmi illi l-Qorti staqsiet lill-imputat hekk jifhimx in-natura tal-akkuzi w il-konsegwenzi taghhom. Wara dan, hemm nota biss li l-kawza giet deciza.

Fis-sentenza taghha pero' l-Qorti marret oltre w semmiet specifikament illi staqsiet lill-imputat jekk jifhimx l-akkuzi u l-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu. Il-Magistrat nizlet li l-imputat insista li jirregistra tali ammissjoni wara li wiegeb li fehem l-import u l-konsegwenza tal-ammissjoni tieghu.
L-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 jghid *"illi meta imputat jistqarr illi huwa hati ta' reat l-Qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, w taghtih ftit taz-zmien sabiex jerga' lura minnha ......"*

Jibda biex jinghad illi dan l-artikolu japplika biss ghar-reati u mhux ghall-kontravenzzjonijiet. L-akkuzi illi l-appellant ghandu quddiemu huma varji. L-ewwel wahda hija ta' natura kontravenzjonali izda t-tieni w it-tielet huma reat. Kwindi l-proceduri tal-artikolu 453 kellhom jigu applikati regorozament.

Irrizulta mill-atti illi filwaqt illi l-Magistrat staqsiet lill-appellant jekk fehemx l-import tal-akkuzi u l-konsegwenzi tal-ammisjjoni tieghu, imkien ma rrizulta li nghatalu ftit taz-zmien sabiex jerga' lura mid-decizjoni tieghu.

Il-Qorti hija konvinta li dana seta' kien bi zvista jew inkella ma tnizzilx bhala verbal. Hi x'hini jibqa' l-fatt illi dan in-nuqqas jista' jgib in-nullita' tas-sentenza moghtija.

Barra minn hekk f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri" l-Qorti qalet :

*“fuq ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a menu che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah cioe’ ssibu hati ta’ reat.”*

Fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti l-Avukat tal-appellant gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-appellant ghandu problemi psikologici kbar u l-imhabba f’hekk seta’ kien f’posizzjoni illi ma jifhimx in-natura tal-imputazzjoni li kienet migjuba kontra tieghu. F’liema kaz, l-Ewwel Qorti jmissha skartat l-ammissjoni tal-imputat u ordnat is-smiegh tax-xhieda fil-kuntestt tal-artikolu 453 (2) tal-Kap. 9.

Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tad-difiza w tal-Avukat Generali, lesta li taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellant illi forsi ma fehemx sew l-import tal-akkuzi li kienu qed jigu migjuba kontra tieghu w ghalhekk ikun opportun illi l-kaz jerga’ jinstema mill-gdid, wara li jigu osservati skrupolozament il-vot tal-artikolu 453 (1)(2).

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tilqa’ l-appell, thassar u tannulla s-sentenza appellata, w sabiex ikun hemm il-beneficcju tad-*doppio esami* tordna li l-process jintbaghat lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex jigi mismugh u deciz mill-gdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------